

32005L0047

27.7.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 195/15

DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2005/47/KE

tat-18 ta' Lulju 2005

dwar il-Ftehim bejn il-Komunità ta' Ferroviji Ewropej (CER) u l-Federazzjoni Ewropea għall-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi trans-konfini interoperabbli fis-settur tal-ferroviji

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u, b'mod partikolari, l-Artikolu 139(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Din id-Direttiva hija konformi mad-drittijiet u l-prinċipji fundamentali mniżżla fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u huwa maħsub biex jiżgura konformità sħiħa ma' l-Artikolu 31 tagħha li jipprevedi li l-ħaddiema kollha għandhom dritt għal kondizzjonijiet ta' xogħol tajba għas-saħħa, siguri u denji, għal limitu għall-ħin massimu ta' xogħol tagħhom u għal perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u għal perijodu annwali ta' btala imħallsa.
- (2) L-imsieħba soċjali jistgħu, skond l-Artikolu 139(2) tat-Trattat, jitolbu b'mod konġunt li l-Ftehim konklużi fil-livell Komunitarju jiġu implimentati b'Deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni.
- (3) Il-Kunsill adotta d-Direttiva 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar ċerti aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol⁽¹⁾. It-trasport bil-ferrovija kien wieħed mis-setturi ta' attività eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Direttiva 2000/34/KE tat-22 ta' Ġunju 2000 li temenda d-Direttiva 93/104/KE dwar ċerti aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol biex ikunu koperti setturi u attivajiet esklużi mid-Direttiva imsemmija⁽²⁾.
- (4) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Direttiva 2003/88/KE dwar ċerti aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol⁽³⁾ li kkonsolidat u revokat id-Direttiva 93/104/KE.
- (5) Id-Direttiva 2003/88/KE tipprevedi għal derogi mill-Artikoli 3, 4, 5, 8 u 16 tagħha fil-każ ta' persuni li jaħdmu fis-settur tat-trasport bil-ferrovija abbord il-ferroviji.

- (6) Il-Komunità tal-Ferroviji Ewropej (CER) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) informaw lill-Kummissjoni bix-xewqa tagħhom li jibdedw negozzati skond l-Artikolu 139(1) tat-Trattat.

- (7) Fis-27 ta' Jannar 2004 dawk l-organizzazzjonijiet laħqu Ftehim dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi trans-konfini interoperabbli, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Ftehim".

- (8) Il-Ftehim jinkludi talba konġunta lill-Kummissjoni biex timplemanta l-Ftehim b'Deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni skond l-Artikolu 139(2) tat-Trattat.

- (9) Id-Direttiva 2003/88/KE tapplika għal ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi trans-konfini interoperabbli, minkejja d-dispożizzjonijiet iżjed speċifiċi li jinsabu f'din id-Direttiva u fil-Ftehim anness għaliha.

- (10) Għall-finijiet ta' l-Artikolu 249 tat-Trattat, l-istrument xieraq għall-implimentazzjoni tal-Ftehim huwa Direttiva.

- (11) Billi, fid-dawl ta' l-ikkompletar tas-suq intern fis-settur tat-trasport bil-ferrovija u tal-kompetizzjoni fis-settur, il-miri ta' din id-Direttiva, li hija ntiża biex tħares s-saħħa u s-sigurtà, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu jintlaħqu b'mod aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Bi qbil mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma teċċedix dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk il-miri.

(1) ĠU L 307, 13.12.1993, p. 18. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2000/34/KE.

(2) ĠU L 195, 1.8.2000, p. 41.

(3) ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9.

- (12) L-iżvilupp tas-settur Ewropew tal-Ferroviji jinvolvi monitoraġġ mill-qrib tar-rwol ta' l-atturi attwali u dawk ġodda, sabiex jiżgura żvilupp armonjuż fil-Komunità kollha. Id-djalogu soċjali Ewropew f'dan il-qasam għandu jkun kapaċi jirrifletti dan l-iżvilupp u jikkunsidrah kemm jista' jkun.
- (13) Din id-Direttiva tħalli l-Istati Membri fil-libertà li jiddefinixxu dawk it-termini tal-Ftehim li ma tispeċifikax skond il-leġislazzjoni u l-prattika nazzjonali, b'halma hu l-każ għal Direttivi oħra dwar materji ta' politika soċjali li jużaw termini simili, sakemm id-definizzjonijiet użati jkunu kompatibbli mal-Ftehim.
- (14) Il-Kummissjoni ħejjiet il-proposta tagħha għal Direttiva skond il-Komunikazzjoni tagħha ta' l-20 ta' Mejju 1998 bl-isem "Nadattaw u nipromwovu djalogu soċjali fuq livell Komunitarju", billi kkunsidrat l-istatus rappreżentattiv tal-partijiet kontraenti u l-legalità ta' kull klawnsola tal-Ftehim; il-firmatarji joffru biżżejjed rappreżentanza tal-ħaddiema tal-ferroviji mobbli assenjati għal servizzi trans-konfini interoperabbli mmexxija mill-kumpanniji tal-ferrovija.
- (15) Il-Kummissjoni fasslet il-proposta tagħha għal Direttiva skond l-Artikolu 137(2) tat-Trattat, li jipprevedi li direttivi fil-qasam soċjali għandhom jevitaw li jimponu rabtiet amministrattivi, finanzjarji u legali b'tali mod li jinżammu lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju.
- (16) Din id-Direttiva u l-Ftehim jistabbilixxu standards minimi; l-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali għandhom ikunu jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet iżjed favorevoli.
- (17) Il-Kummissjoni għarrfet lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni billi bagħtilhom il-proposta għal Direttiva għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.
- (18) Il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-Ftehim ta' l-imsieħba soċjali fis-26 ta' Mejju 2005.
- (19) L-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim ser tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-miri mniżżla fl-Artikolu 136 tat-Trattat.

- (20) Skond il-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar ta' liġijiet ⁽¹⁾, l-Istati Membri jkunu mħeġġa jfasslu u jagħmlu pubbliċi, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom, li, sa fejn ikun possibbli, ser jillustraw il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva hi maħsuba biex timplimenta l-Ftehim milħuq fis-27 ta' Jannar 2004 bejn il-Komunità tal-Ferroviji Ewropej (CER) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi trans-konfini interoperabbli, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim".

It-test tal-Ftehim huwa anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet iżjed favorevoli minn dawk stabbiliti b'din id-Direttiva.

2. L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandha taħt l-ebda ċirkostanza tikkostitwixxi raġunijiet suffiċjenti biex jiġi ġus-tifikat tnaqqis fil-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema fl-oqsma koperti b'din id-Direttiva. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' l-Istati Membri u/jew ta' min iħaddem u l-ħaddiema li jistabbilixxu, fid-dawl ta' bidla fiċ-ċirkostanzi, arranġamenti leġislattivi, regolatorji jew kontrattwali differenti minn dawk li kienu fis-seħħ fiż-żmien ta' l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, dejjem sakemm il-ħtiġiet minimi stabbiliti f'din id-Direttiva jkunu qed jiġu mħarsa.

Artikolu 3

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar s-segwitu u l-evalwazzjoni mill-firmatarji, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta ma' min iħaddem u l-ħaddiema fuq livell Ewropew, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fil-kuntest ta' l-iżvilupp tas-settur tal-ferroviji, qabel jiskadi l-perijodu ta' ...

⁽¹⁾ ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw x'penali huma applikabbli meta d-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati bit-tweqqi ta' din id-Direttiva jiġu miksur u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni tagħhom. Il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa ... u kwalunkwe emendi tagħhom sussegwenti fi żmien xieraq.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom, wara konsultazzjoni l-imsieħba soċjali, jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjoni amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa ... ta' din id-Direttiva jew għandhom jiżguraw, sa mhux aktar tard minn din id-data, li l-imsieħba soċjali adottaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa permezz ta' Ftehim. Huma għandhom minnufih jibagħtu t-test tad-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li jippermittulhom li jkunu kapaċi jggarantixxu fi kwalunkwe ħin ir-riżultat rikjest b'din id-Direttiva u għandhom jinformat lill-Kommissjoni dwarhom minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 6

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li tkun ġiet ippublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 7

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 18 ta' Lulju 2005.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BECKETT

FTEHIM

Konkluż mill-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (etf) u l-Komunità tal-Ferroviji Ewropej (CER) dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi trans-konfini interoperabbli

WARA LI KKUNSIDRAW:

- il-futur tat-trasport bil-ferrovija, li jeħtieġ il-modernizzar tas-sistema u l-iżvilupp tat-traffiku trans-Ewropew u għalhekk ta' servizzi interoperabbli;
- il-ħtieġa li jiġi żviluppat traffiku trans-konfini sigur u li tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi trans-konfini interoperabbli;
- l-importanza li tiġi evitata kompetizzjoni bbażata biss fuq differenzi fil-kondizzjonijiet tax-xogħol;
- l-importanza li t-trasport bil-ferrovija fi ħdan l-Unjoni Ewropea jiġi mtejjeb;
- l-idea li dawn il-miri ser jintlaħqu billi jinħolqu regoli komuni dwar kondizzjonijiet tax-xogħol ta' standard minimu għal ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi trans-konfini interoperabbli;
- il-konvinzjoni li n-numru ta' tali ħaddiema ser jiżdied fis-snin li ġejjin;
- it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 138 u 139(2) tiegħu;
- id-Direttiva 93/104/KE (emendata bid-Direttiva 2000/34/KE), u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 17 tagħha;
- il-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali (Ruma, 19 ta' Ġunju 1980);
- il-fatt li l-Artikolu 139(2) tat-Trattat, jipprevedi li l-Ftehim milħuqa fuq livell Ewropew jistgħu jiġu implimentati fuq talba konġunta tal-firmatarji b'deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni;
- il-fatt li l-firmatarji hawnhekk jagħmlu tali talba.

IL-FIRMATARJI QABLU FUQ DAN LI ĠEJ:

Klawsola 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Ftehim għandu japplika għal ħaddiema tal-ferroviji mobbli assenjati għal servizzi trans-konfini interoperabbli mwettqa minn intrapriżi tal-ferrovija.

Għat-traffiku trans-konfini tal-passiġġiera lokali u reġjonali, għat-traffiku trans-konfini tal-merkanzija li ma jaqbiżx il 15-il kilometru lil hinn mill-fruntiera, u għat-traffiku bejn l-istazzjonijiet tal-fruntiera uffiċjali elenkati fl-Anness, l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim hija fakultattiva.

Hija fakultattiva wkoll għall-ferroviji fuq rotot trans-konfini li t-tnejn jibdew u jispiċċaw fuq l-infrastruttura ta' l-istess Stat Membru u jużaw l-infrastruttura ta' Stat Membru ieħor mingħajr ma jieqfu fih (u għalhekk dawn jistgħu jiġu meqjusa bħala operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali).

Rigward ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi trans-konfini interoperabbli, id-Direttiva 93/104/KE m'għandhiex tapplika għal dawk l-aspetti li dwarhom dan il-Ftehim għandu diżpożizzjonijiet iżjed speċifiċi.

Klawsola 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "servizzi trans-konfini interoperabbli": servizzi trans-konfini li għalihom mill-anqas żewġ ċertifikati ta' sigurtà, kif stipulat mid-Direttiva 2001/14/KE, huma mitluba mill-intrapriżi ferrovjarji;

2. "ħaddiem mobbli assenjat għal servizzi trans-konfini interoperabbli": kwalunkwe ħaddiem li hu membru ta' l-ekwipaġġ ta' ferrovija assenjat għal servizzi trans-konfini interoperabbli għal iżjed minn siegħa fuq bażi ta' xift ta' kuljum;
3. "ħin tax-xogħol": kwalunkwe perijodu li matulu l-ħaddiem ikun xogħol, għad-diżpożizzjoni ta' min iħaddmu u fit-tweqqi ta' l-attività jew tad-doveri tiegħu, skond il-liġijiet u/jew il-prattika nazzjonali;
4. "perijodu ta' mistrieħ": kwalunkwe perijodu li mhux ħin tax-xogħol;
5. "ħin tal-lejl": kwalunkwe perijodu ta' mhux anqas minn 7 siegħat, kif definit mil-liġi nazzjonali, u li għandu jinkludi fi kwalunkwe każ il-perijodu bejn nofsillejl u l-5 ta' filgħodu.;
6. "xift ta' bil-lejl": kwalunkwe xift ta' mill-anqas 3 siegħat ta' xogħol matul il-ħin tal-lejl;
7. "mistrieħ lil hinn mill-post ta' residenza": mistrieħ ta' kuljum li ma jistax jittieħed fil-post ta' residenza normali tal-ħaddiem mobbli;
8. "xufier": kwalunkwe ħaddiem responsabbli mill-operat ta' unità lokomotiva.
9. "ħin ta' sewqan": it-tul ta' l-attività programmata li matulha x-xufier hu responsabbli ta' l-unità lokomotiva, minbarra l-ħin programmat biex tintegħel jew tintefa dik l-unità lokomotiva, iżda inkluża kwalunkwe interruzzjoni programmata meta x-xufier jibqa' responsabbli ta' l-unità lokomotiva.

Klawsola 3

Mistrieħ ta' kuljum id-dar

Mistrieħ ta' kuljum id-dar għandu jkun ta' minimu ta' 12-il siegħa konsekuttiva għal kull perijodu ta' 24 siegħa.

Madankollu, jista' jitnaqqas għal minimu ta' 9 siegħat darba kull perijodu ta' 7 ijiem. F'dak il-każ, is-siegħat li jikkorrispondu mad-differenza bejn il-mistrieħ imnaqqas u 12-il siegħa jiġu miżjuda mal-mistrieħ ta' kuljum id-dar li jkun imiss.

Mistrieħ ta' kuljum imnaqqas b'mod sinifikattiv m'għandux ikun ippjanat bejn żewġ mistrieħ ta' kuljum lil hinn mid-dar.

Klawsola 4

Mistrieħ ta' kuljum lil hinn mid-dar

Il-mistrieħ ta' kuljum minimu lil hinn mid-dar għandu jkun ta' 8 siegħat konsekuttivi għal kull perijodu ta' 24 siegħa.

Mistrieħ ta' kuljum lil hinn mid-dar għandu jkun segwit minn mistrieħ ta' kuljum id-dar ⁽¹⁾.

Huwa rakkomandat li tingħata attenzjoni lil-livell ta' kumdità ta' l-akkomodazzjoni offruta lill-persunal li jkun qed jistrieħ lil hinn mid-dar.

Klawsola 5

Pawżi

(a) Xufiera

Jekk il-ħin tax-xogħol ta' xufier huwa itwal minn 8 siegħat, għandha tittieħed pawża ta' mill-inqas 45 minuta matul il-jum ta' ħidma.

Jew

Meta l-ħin tax-xogħol huwa bejn is-6 u t-8 siegħat, din il-pawża għandha tkun ta' mill-inqas 30 minuta u għandha tittieħed matul il-jum ta' ħidma.

Il-ħin tal-jum u t-tul tal-pawża għandhom ikunu suffiċjenti sabiex jiżguraw irkupru effettiv tal-ħaddiem.

Pawżi jistgħu jiġu adattati matul il-jum ta' ħidma fil-każ ta' dewmien tal-ferroviji.

Parti mill-pawża għandha tingħata bejn it-tielet u s-sitt siegħa ta' ħidma.

Il-klawsola 5 a) m'għandhiex tapplika jekk ikun hemm xufier ieħor (it-tieni wieħed). F'dak il-każ, il-kondizzjonijiet għall-għoti tal-pawżi għandhom ikunu rregolati fuq livell nazzjonali.

(b) Persunal ieħor abbord

Għal persunal ieħor abbord, pawża ta' mill-inqas 30 minuta għandha tittieħed jekk il-ħin tax-xogħol huwa itwal minn 6 siegħat.

⁽¹⁾ Il-partijiet jaqblu li n-negozjati dwar mistrieħ lil hinn mid-dar konsekuttiv (it-tieni wieħed) kif ukoll kumpens għal mistrieħ lil hinn mid-dar jistgħu jseħħu bejn l-imsieħba soċjali fuq il-livell ta' l-intrapriża tal-ferrovija jew il-livell nazzjonali skond il-każ. Fuq il-livell Ewropew, il-kwistjoni tan-numru ta' mistrieħ konsekuttiv lil hinn mid-dar kif ukoll il-kumpens għall-mistrieħ lil hinn mid-dar jerġà jiġi negozjat sentejn wara l-firma ta' dan il-Ftehim.

*Klawsola 6***Perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa**

Kwalunkwe ħaddiem mobbli assenjat għal servizzi trans-konfini interoperabbli huwa intitolat, għal kull perijodu ta' sebat ijiem, għal minimu ta' perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa mhux interrot ta' 24 siegħa flimkien mal-perijodu ta' 12-il siegħa ta' mistrieħ ta' kuljum imsemmi fil-klawsola 3 hawn fuq.

Kull sena, kull ħaddiem mobbli għandu jkollu 104 perijodu ta' mistrieħ ta' 24 siegħa, inklużi l-perijodi ta' 24 siegħa tat-52 perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa.

inkluż:

— 12-il perijodu ta' mistrieħ doppju (ta' 48 siegħa flimkien ma' mistrieħ ta' kuljum ta' 12-il siegħa) inklużi s-Sibt u l-Ħadd;

u

— 12 il-perijodu ta' mistrieħ doppju (ta' 48 siegħa flimkien ma' mistrieħ ta' kuljum ta' 12-il siegħa) mingħajr il-garanzija li dan ikun jinkludi Sibt jew Ħadd.

*Klawsola 7***Ħin ta' sewqan**

Il-ħin ta' sewqan, kif definit fil-klawsola 2, m'għandux jaqbeż id-9 siegħat għal xift matul il-jum u t-8 siegħat għal xift bil-lejl bejn iż-żewġ perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum.

Il-ħin massimu ta' sewqan fuq perijodu ta' ġimgħatejn huwa limitat għal 80 siegħa.

Klawsola 8*Kontrolli*

Għandu jinżamm rekord ta' siegħat ta' xogħol ta' kuljum u ta' perijodi ta' mistrieħ għall-ħaddiem mobbli sabiex ikun possibbli l-monitoraġġ tal-konformità mad-diżpożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. Informazzjoni dwar is-siegħat ta' xogħol li fil-fatt saru għandha tkun disponibbli. Dan ir-rekord għandu jinżamm fl-intrapriża għal mill-inqas sena.

*Klawsola 9***Klawsola ta' non-rigressjoni**

L-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim m'għandhiex tikkostitwixxi fi kwalunkwe każ raġunijiet validi sabiex jiġi mnaqqas il-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiem mobbli assenjati għal servizzi trans-konfini interoperabbli.

*Klawsola 10***Segwitu tal-Ftehim**

Il-firmatarji għandhom isegwu l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim fil-qafas tal-Kumitat ta' Djalogu Settorjali għas-settur tal-ferroviji, stabbilit skond id-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE.

*Klawsola 11***Valutazzjoni**

Il-partijiet għandhom jivvalutaw id-diżpożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim sentejn wara l-iffirmar tiegħu, fid-dawl ta' l-esperjenza inizjali tagħhom ta' l-iżvilupp ta' servizzi trans-konfini interoperabbli.

*Klawsola 12***Revizzjoni**

Il-parijiet għandhom jirrevedu d-dipożizzjonijiet ta' hawn fuq sentejn wara t-tmiem tal-perijodu ta' implimentazzjoni stabbilit fid-deċizzjoni tal-Kunsill li tpoġġi dan il-Ftehim f'effett.

Brussel, 27 ta' Jannar 2004.

Għas-CER

Giancarlo CIMOLI
President

Johannes LUDEWIG
Direttur Eżekuttiv

Francesco FORLENZA
President tal-Grupp
tad-Diretturi tar-Riżorsi Umani

Jean-Paul PREUMONT
Konsulent dwar l-Affarijiet Soċjali

Għall-ETF

Norbert HANSEN
President tas-Sezzjoni tal-Ferroviji

Jean-Louis BRASSEUR
Viċi-President tas-Sezzjoni
tal-Ferroviji

Doro ZINKE
Segretarju Ġenerali

Sabine TRIER
Segretarju Politiku

ANNEX

Lista ta' stazzjonijiet uffiċjali fuq il-fruntieri li jinsabu lil hinn mil-limitu ta' 15-il km u li għalihom il-ftehim mhux obligatorju

RZEPIN (PL)

TUPLICE (PL)

ZEBRZYDOWICE (PL)

DOMODOSSOLA (I)
